# Ġorġa Attard u l-Bizzilla

**kitba ta' Mary Louise Bajada**



**Ġorġa Attard (1910- ) *b'wieħed mix-xallijiet li hija ħadmet***

Ġorġa Attard, ta' Kurun, li wieħed jista' jgħid li hi l-aktar ħaddiema tal-bizzilla anzjana fir-raħal tagħna, twieldet fl-1910. Ġorġa bdiet iċċekċek iċ-ċombini ta' età żgħira ħafna. Hija għadha tiftakar sewwa x-xogħol tal-bizzilla li kienet taħdem. Hija tgħallmet il-bizzilla billi sa minn ċkunitha minn dejjem kienet tara lil ommha u lil oħtha Ġużeppa jaħdmu. Ġorġa kienet taħdem fuq xogħol differenti minnhom għaliex kienet aktar mixħuta fuq xogħol aktar fin bħal bizzilla tal-knisja bħal albi, rukketti tal-qassisin u l-palla li tintuża fuq il-kalċi. Hija għadha kburija li kienet ħadmet mill-bizzilla tat-triehi tal-artali tal-knisja tal-Munxar fosthom tal-Karmnu, taċ-Ċintura, ta' San Ġużepp u ta' San Mikiel, u oħra tal-artal maġġur flimkien ma' Marjetta (in-nanna ta' Peppinu), l-aħwa Mariroż, Maria u Franġiska Debrincat tal-Boqloq (kif konna diġà semmejna fl-artiklu tal-ħarġa nru.26), Ġanna Parnis u ommha Tereż u oħrajn. Ħasra li illum kollha ħallewna għaliex kien ikollna aktar tagħrif minn għandhom u dwar is-sehem li taw.

Ġorġa qaltilna li ma tiftakarx kemm damu jaħdmuhom dawn it-triehi imma li kienu lesti għal meta tlestew l-altari tal-knisja, fi żmien meta Dun Spir Gauci (1884 - 1948) kien rettur tal-knisja tal-Munxar mill-1916 sal-1947.[1]

Meta Ġorġa bdiet dan ix-xogħol ma' l-oħrajn, hija kienet għadha ta' età aktar żgħira għal fejnhom. Hi tiftakar li kienet tmur iġġib it-trajbu bix-xogħol tal-bizzilla tal-artali mingħand xi ħadd mill-oħrajn billi kienu jaħdmu fuq l-istess trajbu. Kulħadd kien jaħdem kemm ikun jista'. Il-bizzilla tat-triehi kollha hekk inħadmet, bit-trajbu jiġri min għand waħda għal għand l-oħra. Hawnhekk irrid niġbed l-attenzjoni kif diġà semmejna fl-artiklu li deher fl-aħħar ħarġa tad-Dawl (nru.26), li meta tara u tifli sewwa dawn it-triehi, donnhom inħadmu minn id waħda tant huma maħdumin tajjeb. Jien li issa ilni ftit mhux ħazin nistudja u nifli kull għamla ta' bizzilla, ma nixba qatt niflihom fil-ġranet tal-festa peress li huma xogħol mill-isbaħ.



***L-alba* ta' Dun *Mario Borg li ħadmet* Ġorġa**



**Terħa ta' l-artal *mejda maħduma minn* Ġorġa Attard fuq *id-disinn* ta' l-*alba* ta' Dun *Mario***

Fil-5 ta' Ottubru 1936 insibu mniżżel li Dun Spir ħallas lil Carmela Buttigieg (ta' Ċella) £0.10s (50 ċenteżmu tal-lum) ta' ħajt tal-għażel tal-bizzilla li xtrat għal zewġt artali (tal-Karmnu u ta' San Mikiel), u fl-20 ta' Novembru ta' l-istess sena nerġgħu nsibu li Dun Spir reġa' ħallas lil Carmela £0.10s oħra biex tixtri l-ħajt għall-bizzilla għat-tliet artali l-oħra, jiġifieri l-artal ta' San Ġużepp, taċ-Ċintura u l-artal maġġur.[2] Wieħed ta' min ifakkar li għal dak iż-żmien £1 kienet somma imdaqqsa mhux ħażin. Nota oħra interessanti fl-istess ktieb hija dik li fit-28 ta' Ottubru 1936 Anton Mejlak, tas-Sabiħa, tħallas £0.01.06d għax-xempji (disinni) tal-bizzilla ta' tliet artali.[3] Għalhekk wieħed jista' jgħid li dawn it-trieħi ta' l-artali li nħadmu minn Ġorġa u sħabha nbdew għall-aħħar tas-sena 1936.

Fost ix-xogħol sabiħ li Ġorġa ħadmet, insibu zewġ biċċiet mill-isbaħ lin-neputi tagħha l-Kan. Dun Mario Borg. Fosthom insemmu l-bizzilla ta' l-alba li hija maħdumha fuq xempju li akkwistat mingħand xi ħadd minn ta' Kerċem u hija maħduma b'ħajt ta' l-għażel ta' kulur safrani. Din kienet diġà lestietha meta Dun Mario ġie ordnat djaknu (1979). Minn fuq l-istess xempju ta' l-alba, Ġorġa siltet biċċa u ħadmet fuqha l-bizzilla għat-terħa għall-artal mejda. Din wieħed għadu jista' japprezzha billi kull sena tintużha fi zmien il-festa ta' San Pawl.



**Il-palla tal-kalċi u s-suprakalċi**

Biċċa xogħol oħra sabiħa ħafna li ħadmet lil Dun Mario hija l-bizzilla tar-rukkett. Din inħadmet fuq xempju mpitter minn Dun Mikeanġ Apap mix-Xagħra, li għadu mimli bl-għomor. Ġorġa tiftakar li kienet tmur fejn oħt Dun Mikeanġ biex turiha kif tibda, kif iżżid u tnaqqas iċ-ċombini u turiha fejn kien ikollha xi diffikultà. Din il-biċċa xogħol hi maħduma b'għażel abjad u rqiq u damet taħdimha għal madwar sentejn u kienet lesta għal meta Dun Mario ġie ordnat saċerdot (1980). Il-bizzilla tar-rukkett ta' Dun Mario hi waħda mill-akbar biċċa xogħol li ħadmet Ġorġa.

Hija ħadmet ukoll palla (ta' fuq il-kalċi) lill-istess Dun Mario Borg u oħra lil Dun Anton Bajada minn ta' Sannat, u dan għadu jużaha sal-lum.



**Ir-rukkett ta' Dun *Mario* li ħadmet Ġorġa**

Ġorġa, barra mill-bizzilla tal-knisja, kienet taħdem xogħlijiet oħra bħal plattini, tvalji tal-mejda u anke mkatar tar-ras. Ħadmet kemm bil-ħarir abjad u iswed u anke bil-għażel. Hi kienet taħdem xogħol sabiħ anke jekk ma kienx għall-knisja. Hi ġie li kienet tingħata xogħol minn xi neguzjanti magħrufa tal-bizzilla, bħal Ġużeppa Debrincat tax-Xelina, Maripawl Cassar minn Għajnsielem, Dovina Xuereb u oħrajn.

Sa ftit taż-żmien ilu, Ġorġa kienet għadha taħdem il-bizzilla. Grazzi għal Ġorġa Attard u sħabha, il-knisja tagħna hija mogħnija b'xogħol mill-isbaħ tal-bizzilla li żgur jagħmel ġieħ lir-raħal tagħna, il-Munxar.

---

**Noti**:
Nirringrazzja lil dawk kollha li għaddewli ħafna tagħrif siewi fosthom lil Ġorġa Attard ta' Kurun, lill-Kan. Dun Mario Borg u lil Mons. Ġużeppi Curmi.

[1] Rivista 'Id-Dawl' nru 2.
[2] Mill-Arkivju tal-Parroċċa San Pawl Nawfragu Munxar.
[3] *Ibid.*